# 13. Amantea*

Nistħajjel illi meta l-Ħallieq sawrek,
ġo moħħu kellu ħjiel u xewqa kbira
jagħmel presepju: naqra ta' muntanja
                    ġejja fil-wisgħa,

bid-djar bojod ċkejknin imxerrdin fuqha,
bl-osqfa bil-ponta jħammru fil-kannella
tal-blat u qalb il-ħdura tal-ħaxix u s-siġar,
                    b'naqra ta' xmara,

għaddejja minn taħt qaws f'ġenb il-muntanja,
bin-ngħaġ jixorbu minnha, w bil-pasturi
ġejjin minn hawn minn hemm b'xi ħaġa f'idhom
                    minn ġewwa r-raba'.

U meta fil-għaxija ġo kull dwejra
xegħel l-ewwel dawl, u dehru t-twieqi jħammru,
u ħajta dija bajdet qalb it-toroq,
                    il-blat wis-siġar,

nistħajjel li l-Ħallieq ħass għaxqa kbira,
kif ħassejt jien meta mill-ferrovija
rajtek presepju mdawwal u saħħartni
                    bil-ġmiel ta' ġmielek.

Ruma, 7/X/1947

**Amantea hija belt fil-Kalabrija*